**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Patrick Vella**

**Kumpilazzjoni numru 628/2013**

**Illum 28 ta' Settembru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Patrick Vella** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 585863 (M) billi huwa akkuzat talli nhar it-8 ta' Gunju 2013 ghall-habta ta' 23:30 hrs gewwa Triq San Nikola, s-Siggiewi u f'dawn il-Gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Zoey Kirsty Andrews u/jew persuni ohra, hekk kif iccertifika Dr. Juan Ellul Pirotta Med Reg: 5428 mill-isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna biza lil Zoe Kristy Andrews, biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi talli b'hekk sar recediv ai terminu tal-Aritkoli 49 u 50 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li tinhareg ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Zoey Kristy Andrews ai termini tal-Artikolu 412 tal-Kap 9.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 7 ta' Novembru, 2014 (esebita a fol. 69 tal-process fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-Artikoli 214, 215, 218(1)(b) u (2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 383, 384, 385, 386 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-5 ta’ Jannar, 2015 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Dan il-kaz jitratta argument bejn zewg mahbubin tant li fil-mori tal-kawza l-kwerelanta rrinunzjat ghal kull azzjoni fil-konfront tal-imputat (a fol. 34) u l-Qorti kienet infurmata li l-imputat u l-kwerelanta kienu se jizzewgu fil-gimghat ta’ wara (a fol. 75).

Id-difiza fis-sottomissjoni finali taghha argumentat dwar il-ferita li soffriet il-kwerelanta li huma ta’ natura hafifa u mhux gravi.

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta’ Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*“Il-kwistjoni ta’ jekk offiza hiex wahda hafifa u ta’ importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta’ fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta’ guri, ghalhekk, rimessa f’idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f’idejn il-gudikant ta’ l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq “opinjoni medika”. It-tabib jew tobba jispjegaw x’irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma’ xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall- gudikant*

*tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".*

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti leza, l-Qorti tinnota li jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda moghtija minn Dr. Juan Ellul Pirotta (a fol. 61 et seq.)li l-griehi sofferti minn Zoe Kristy Andrews kienu griehi ta' natura gravi minhabba li kienu fil-wicc izda wara l-incident ma kienx segwa aktar lill-pazjenta u allura ma kienx f'pozizzjoni li jghid jekk kienx hemm deformity permanenti.

Il-Qorti wara li nnutat ir-rinunzja tal-parte civile u anke hadet kont tax-xiehda moghtija mit-tabib li nvistha a tempo vergine mhux se jsib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni.

Dwar it-tielet (3) imputazzjoni li tittrata l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika biex tissussisti din l-imputazzjoni intqal fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Paul Pace**[1]

*"Minn dan jidher car li l-kliem tal-ligi jrid ikopri kull "disturbance to the peace and good order" sija jekk dan ikun gej minn ghajjat biss kif ukoll minn glied jew kolluttazzjoni fizika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni ohra. Mhux xi rekwizit tassattiv li dawn iz-zewg elementi jridu jikkonkorru f'daqqa w jista' jkollok wahda jew l-ohra jew xi manifestazzjoni ohra esterna li twassal ghad-disturb tal-buon ordni w l- kwiet tal-pubbliku . Ghalhekk hija skorretta legalment is-sottomissjoni tal-appellant li tghid li ghax ma jirrizultax l-ghajjat u l-glied fiziku flimkien , jonqos xi element kostituttiv ta' din il-kontravvenzjoni."*

[1] Qorti ta' l-Appell Kriminali deciz fit-3 ta' April 2003

lli kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-**Pulizija vs. Paul Busuttil**" [23.6.1994] :

*"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba ccirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l- inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil" u "dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."* Dik il-Qorti kienet iccitat b'approvazzjoni lill- Imhallef Sir Adriano Dingli li fil-kawza "**Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et**." [Kollez Vol. XII , p.472, 475] kien qal :-

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e' violazione dell'ordine pubblico , indipendentemente dalla perpetrazione di altro atto."*

Illi m'hemmx dubju li mill-atti din l-imputazzjoni tirrizulta.

Dwar ir-raba' (4) imputazzjoni skont gurisprudenza kostanti, il-prova tar-recidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija;

*"billi tigi esibita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva u wara issir il-prova tal-identita'. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem minkejja l- ezenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal- identita'. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li*

*tissemma fl- akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-akkuzat kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati.*

*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti."*[2]

Ma' din is-silta mis-sentenza li ghaliha saret riferenza l-"*Qorti qed izzid li l-prova tar-recidiva, barra mill-ammissjoni tal-imputat innifsu tista' ssir ukoll billi tkun prodotta kopja tas-sentenza li jkun hemm indikat fiha n-numru tal-identita'. Dan in-numru jkun jista' jitqabbel ma' dak li jkollu l-imputat jew l-akkuzat. Ma jistax ikun hawn zewg persuni li jkollhom l-istess nurmu tal-identita"*[3].

Il-Qorti wara li qieset dan ma jirrizultax li r-raba' (4) imputazzjoni giet ippruvata.

Decide:

Ghal mottivi spjegati aktar qabel il-Qorti wara li rat Artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 218(1)(b) u (2), 251B, 383, 384, 385, 386 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni u tilliberah minnhom.

---

[2] Il-**Pulizija versus Carmelo Fenech** – Qorti tal-Appell Kriminali 8 ta' Frar 2005 Volum LXXXIX Part IV paġina 287 et.
[3] Il-**Pulizija ss Joseph Darmanin** – Qorti tal-Appell Kriminali 9 ta' Lulju, 2012 App. Krim Num. 332/2011

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni u tikkundannah tmienja u hamsin ewro (€58) ammenda.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur